ŻJARA TAL-MOSKEA

Aħmad u Sara Jżuru l-Moskea

Żjara tal-Moskea

Aħmad u Sara Jżuru l-Moskea

RASHID AHMAD CHAUDHRY

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

AHMAD AND SARAH GO TO MOSQUE
(IN MALTESE LANGUAGE)

****

ŻJARA TAL-MOSKEA
AĦMAD U SARA JŻURU L-MOSKEA

Kitba ta'
Rashid Ahmad Chaudhry

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Tel: +356-27342401 • **Tel**: +356-21322105
Mob: +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

978-1-84880-678-8

Stampa: © shutterstock.com

WERREJ

It-Talb	1
It-Talb Individwali u Flimkien	2
It-Talb tal-Ġimgħa	4
Il-Wużu	5
It-Tajammum	7
Talb tal-Ġurnata	8
Ħin it-Talb	10
Il-Moskea	11
L-Imam	12
L-Ażan	14
Diskors il-Ġimgħa	16
Eżerċizzju	19
Glossarju	20

INTRODUZZJONI

Aħmad u Sara jżuru l-Moskea huwa t-tieni ktieb f'din is-sensiela, miktub speċifikament għat-tfal li jixtiequ jkunu jafu aktar dwar l-Iżlam. F'dawn il-kotba t-tagħlim tal-Iżlam huwa mwassal f'għamla ta' storja ħalli jqajjem il-kurżità fit-tfal u jżommilhom l-interess. Nittamaw li jieħdu gost jaqrawhom. L-istil, il-lingwaġġ, l-illustrazzjonijiet u l-produzzjoni ta' dawn il-kotba huma kollha addattati għal dan il-għan.

Il-ġenituri, l-għalliema u l-anzjani huma mħeġġa biex jużaw dawn il-kotba fid-djar u l-klassijiet tagħhom. Jistgħu jintużaw filgħodu waqt il-kolazzjon, filgħaxija meta l-familja tkun miġbura flimkien, u fis-sodda ħalli jittieħed l-akbar benefiċċju minnhom. Huwa fatt magħruf li l-ideat, miżrugħin fil-moħħ tat-tfal, jibqgħu magħhom sa meta jikbru.

Aħna nilqgħu kull suġġeriment għat-titjib ta' dawn il-kotba.

Jalla Alla jilqa' l-isforz umli tagħna biex nipproduċu dawn il-kotba għall-ġenerazzjoni żagħżugħa, biċċa xogħol li hija kemm kbira kif ukoll urġenti u li aħna dħalna għaliha b'umiltà sħiħa.

Is-Segretarju,
Il-Kumitat tal-Kotba tat-Tfal,
Londra. 3 ta' April, 1991.

Traduzzjoni bil-Malti:

Qegħdin nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-ktieb għall-qarrejja tagħna. Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2015.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

It-Talb:

"Qum Aħmad! Qum malajr! Sar il-ħin għat-talb," qalet omm Aħmad.

Aħmad ħareġ mis-sodda. Barra kien għadu d-dlam. Seta' jisma' lil ommu u lil missieru jaqraw mill-Koran Imqaddes fis-salott b'vuċi baxxa.

Oħtu Sara kienet diġà mqajma. Aħmad mar fil-kamra tal-banju ħalli jaħsel lilu nnifsu sewwa, bħalma jsir fil-'*Wużu*'.

Imbagħad niżel isfel. Oħtu kienet għadha kif lestiet il-parti individwali tat-talba ta' filgħodu li tissejjaħ '*Sunnah*'. Hu wkoll qagħad fuq it-tapit żgħir tat-talb u, waqt li ħares lejn id-direzzjoni tal-'*Kaaba*', talab is-Sunnah.

Kif lesta, missierhom mexxa l-parti tat-talba li tissejjaħ '*Farż*'. Huwa qagħad fuq quddiem, iħares fid-direzzjoni tal-Kaaba, filwaqt li Aħmad, Sara u ommhom qagħdu warajh f'ringiela jħarsu lejn l-istess direzzjoni. Kif lestew it-talba, qagħdu kollha bilqiegħda.

It-Talb Individwali u Flimkien:

Sara staqsiet, “Papà, għalfejn noffru parti mit-talba b’mod individwali u parti oħra flimkien?”

Il-missier spjega, “Il-qima fl-Iżlam titlobna biex naqdu responsabbiltajiet flimkien kif ukoll individwali. Għalhekk parti mit-talba tintqal flimkien u parti oħra individwalment. It-tnejn li huma għandhom ħafna benefiċċji. It-talba tal-komunità hija t-talba fejn niftakru dwar ir-responsabbiltajiet komuni tagħna. Niftakru fid-dmirijiet tagħna lejn is-soċjetà sabiex ngħixu ħajjitna flimkien mal-komunità li ngħixu fiha.

Meta nitolbu flimkien, jagħmilna aktar dixxiplinati. Wieħed għandu jsegwi l-*Imam*. Dan tant huwa importanti li, jekk l-Imam iwettaq żball, dawk li qed jitolbu miegħu li jindunaw bl-iżball għandhom jgħidu biss ‘*Subhanallah*’ b’rispett. ‘Subhanallah’ tfisser ‘Alla biss ma jiżbaljax’. B’dan il-mod, mhux biss l-Imam huwa mfakkar li għamel żball waqt it-talb, tkun ukoll lezzjoni fl-umiltà għal dik il-persuna li tkun indunat bl-iżball. ‘Subhanallah’ turiha li anki hi tista’ tiżbalja.”

Aħmad staqsa, “X’jiġri jekk l-Imam ma jifhimx il-messaġġ?”

Il-missier wieġeb, "F'dak il-każ, il-ġemgħa tibqa' ssegwi lill-Imam anki jekk ħa żball. Fl-aħħar tat-talb, jekk l-iżball jibqa' mhux ikkoreġut, jista' jinħafer billi l-Imam jitlob żewġ *prostazzjonijiet* flimkien mal-ġemgħa, jitlob maħfra lil Alla.

Fit-talb individwali, min-naħa l-oħra, il-persuna hija libera biex iżżid jew tnaqqas it-talb tagħha kif tixtieq hi. Xi minn daqqiet issib nies li jistħu juru l-emozzjonijiet tagħhom fil-preżenza tal-oħrajn. It-talb individwali jagħtihom l-opportunità biex jesprimu lilhom infushom quddiem il-Ħallieq tagħhom.

Barra minn hekk, filwaqt li t-talb komunitarju jsir f'ħinijiet speċifiċi, it-talb individwali u personali jista' jsir f'kull ħin tal-perjodu stabbilit. Nittama li issa fhimtu għala noffru parti mit-talb b'mod individwali u parti oħra flimkien."

L-omm kompliet, "It-talb flimkien għandu vantaġġ ieħor. Irridu nżommu f'moħħna wkoll li dan it-talb għandu jsir preferibbilment ġewwa moskea. Ir-residenti ta' żona partikolari jiltaqgħu ħames darbiet kuljum u b'hekk isiru jafu lil xulxin, ir-rabta tagħhom tissaħħaħ u jsiru konxji tal-bżonnijiet ta' kull wieħed minnhom. Fit-Talb tal-Ġimgħa din ir-rabta ta' simpatija, imħabba u koperazzjoni tkun għar-residenti tar-raħal jew belt kollu. Fl-okkażjonijiet tal-*Eid* dan iċ-ċirku jitwessa' aktar filwaqt li l-*Haġġ* jista' jitqies bħala laqgħa internazzjonali tal-Musulmani."

Il-missier imbagħad staqsa lil Sara jekk tafx xi tfisser il-kelma '*Hadith*' u jekk tafx tirrakkontalu xi Hadith.

Sara wieġbet, "Ħadith ħafna drabi tirreferi għal xi Diskors tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam. Jien naf għadd ta' diskorsi tal-Qaddis Profeta. '*Al' Ġanna'tu tah'ta Akdam'il Umma'ħat*' hu wieħed

minnhom. Ifisser 'Il-Ġenna qiegħda taħt saqajn ommijietkom'. Imma papà, ma nistax nifhem kif il-Ġenna tista' tkun taħt is-saqajn tal-mamà?"

Il-missier qal, "Tibżax, ħa nispjegalek. Dan id-diskors tal-Qaddis Profeta hu mimli għerf. L-ewwel ħa ngħallmek xi tfisser kull kelma.

Al'Ġanna'tu tfisser 'Il-Ġenna'.
Tah'ta tfisser 'taħt'.
Akdam tfisser 'saqajn'.
Umma'ħat tfisser ' ommijiet'.

Għaldaqstant id-diskors jgħidilna li għandna nobdu dejjem lill-mamà tagħna. Għandna nirrispettawha u ngħinuha kemm jista' jkun f'xogħolha. Jekk nagħmlu hekk, id-djar tagħna jkunu mimlija paċi u armonija. Fi kliem ieħor inkunu ħloqna l-ġenna f'din id-dinja. Id-djar tagħna jsiru ġenna u għalhekk ikollna l-ġenna f'din il-ħajja kif ukoll fil-ħajja wara l-mewt."

It-Talb tal-Ġimgħa:

Meta waqaf il-missier, Aħmad staqsa bla paċenzja, "Nista' nirrakkonta diskors li jgħidilna kif għandna nippreparaw għat-Talb tal-Ġimgħa?"

Sara interrompiet, "X'inhuwa t-Talb tal-Ġimgħa?"

Il-missier fisser, "Ġimgħa hija kelma Għarbija li tfisser 'ġabra flimkien fi spazju jew żmien'. Hija wkoll il-kelma Għarbija u Maltija għall-Ġimgħa. Hija l-ġurnata meta l-Musulmani ta'

belt jew raħal jinġabru flimkien għat-talb komunitarju li jseħħ kull ġimgħa. Għalhekk, il-Ġimgħa, minflok it-talb ta' *Żohr*, isir it-Talb tal-Ġimgħa."

Imbagħad il-missier ħares lejn Aħmad u qallu, "Liema Ħadith (diskors) kont se tgħidilna Aħmad?"

Aħmad wieġeb, "Skont diskors tal-Qaddis Profeta, Musulman irid jieħu banju l-Ġimgħa, jinħasel sewwa ħalli jkun tassew nadif u juża l-fwieħa. Wara li jkun iffriska, imur il-moskea u jsib post mingħajr ma jdejjaq in-nies madwaru. Huwa joffri t-talb preskritt u meta jasal l-Imam, joqgħod jisimgħu fil-kwiet. Jalla Alla jaħfirlu d-dnubiet li jkun wettaq bejn dak il-Ġimgħa u ta' qablu."

Il-missier qal, "Proset! Dik hija t-tifsira preċiża tal-Ħadith li kkwotajt. Bħala regola, kull meta tidħol ġo moskea, inti għandek issib post f'ringiela bil-kwiet, mingħajr ma ddejjaq in-nies li jkunu diġà bilqiegħda. Hemm għadd ta' diskorsi tal-Qaddis Profeta li jindikawlna li l-Ġimgħa hija l-ġurnata mqaddsa. Skont diskors minnhom, il-Ġimgħa hija l-aqwa fost il-jiem, fejn Musulman għandu jitlob ħafna d-*Durood*. Id-*Durood*, bħalma tafu, hija t-talba speċjali fejn jintefgħu l-benedizzjonijiet fuq il-Qaddis Profeta. Darb'oħra ngħidilkom iżjed dwar diskorsi bħal dawn."

Il-Wużu:

Imbagħad huwa staqsa lil Aħmad kif wettaq il-Wużu.

Aħmad wieġeb, "Għedt 'F'isem Alla, l-Aktar Twajjeb, Dejjem Ħanin' u ħsilt idejja sal-polz tliet darbiet, l-ewwel idi tal-lemin imbagħad tax-xellug. Imbagħad ħsilt ħalqi billi laħlaħtu bl-

ilma tliet darbiet. Wara tfajt l-ilma fit-toqob ta' mnieħri u naddafthom sewwa. Din għamiltha tliet darbiet.

Imbagħad ħsilt wiċċi tliet darbiet, minn widna sa widna, u aċċertajt ruħi li l-ebda parti minn wiċċi ma baqgħet niexfa. Wara dan, ħsilt idejja tliet darbiet."

"Żomm," qaltlu ommu. "Insejt xi ħaġa. Liema id ħsilt l-ewwel?"

Aħmad wieġeb, "L-ewwel ħsilt idi tal-lemin."

L-omm staqsiet, "Żgur li ħsilt idejk, sal-imniekeb, bihom b'kollox?"

"Iva ma. Ħsilt idejja anki l-imniekeb," wieġeb Aħmad. Imbagħad kompla, "Wara poġġejt idejja mxarrbin fuq rasi u msaħt minn moħħi 'l isfel sa għonqi. Imbagħad, qegħidt subgħajja l-werrejja f'widnejja, u mexxejthom madwar it-tinjiet ta' widnejja u fl-istess ħin mexxejt is-saba' l-kbir wara widnejja minn isfel għal fuq biex innaddafhom sewwa.

Fl-aħħar, ħsilt saqajja tliet darbiet, l-ewwel sieqi tal-lemin, sal-għekiesi u speċjalment bejn is-swaba', u kont ċert li l-ebda parti minn saqajja ma baqgħet niexfa."

"Proset," qal il-missier. "Ninsab kuntent li inti tgħallimt kif tagħmel l-abluzzjoni sewwa."

It-Tajammum:

Aħmad kien kuntent bil-kumment ta' missieru u qal, "Jiena dejjem nagħmel il-Wużu qabel kull talba iżda m'iniex ċert dwar Sara. Xi kultant hija titlob mingħajr ma tkun wettqet il-Wużu."

"Le, mhux vera!" esklamat Sara. "Xi kultant jiena nagħmel it-Tajammum. L-għalliema qaltli li t-Tajammum jista' jissostitwixxi l-Wużu."

Il-missier tbissem bl-ispjegazzjoni tagħha u qal, "Tajjeb, Sara, tista' tgħidilna kif twettaq it-Tajammum?"

Sara spjegat, "L-ewwel għandna nfittxu ħamrija nadifa jew xi ħaġa nadifa li nġabar it-trab fuqha u ntaptpu darbtejn fuqha, sabiex jinġabar ftit trab nadif fuq il-qiegħ ta' jdejna. Imbagħad ngħadduhom minn fuq wiċċna, u wara ndawru jdejna ma' xulxin bħal meta naħsluhom. Hekk isir it-Tajammum."

Il-missier qal, "Inti tajt il-verżjoni t-tajba ta' kif isir it-Tajammum, iżda għandna nkunu nafu meta nagħmlu t-Tajammum. L-aħjar metodu huwa li tinħasel bl-ilma. It-trab huwa biss sostitut tal-ilma. Għalhekk it-Tajammum huwa biss ġest simboliku."

Aħmad staqsieh, "Papà, għalfejn it-trab jintuża bħala sostitut?"

Il-missier wieġeb, "It-trab ifakkarna fl-umiltà.

Issa ngħidilkom meta għandna nwettqu t-Tajammum. Jekk persuna tkun marida u l-użu tal-ilma jagħmel ħsara lil saħħitha jew inkella ma jkunx hemm ilma, mela dik il-persuna tista'

twettaq it-Tajammum minflok il-Wużu. Xi ħaġa sabiħa fl-Iżlam hija li l-kmandamenti tiegħu mhumiex riġidi. Hemm alternattivi ħalli n-nies ma jħossuhomx mgħobbija żżejjed u jkunu jistgħu josservaw il-kmandamenti fiċ-ċirkostanzi kollha."

Meta l-missier waqaf, Sara ħarset lejn ommha u staqsietha, "Ma, m'intix se ssaqsina xi ħaġa?"

Talb tal-Ġurnata:

L-omm qalet, "Tajjeb, mela għiduli kemm-il talba hemm matul il-ġurnata!"

Sara wieġbet, "Ħamsa."

"Tista' ssemmihom?" staqsiet l-omm.

Sara wieġbet, "Hemm *Faġr, Żohr, Asr, Magrib* u *Isha*."

Aħmad qal, "Mamà, għalfejn għandna nitolbu ħames darbiet kuljum? Inti tafu lill-ħabib tiegħi Imran li hu Musulman Aħmadi Malti. In-nanna tiegħu, li għadha ma aċċettatx l-Iżlam, darba qaltlu, 'M'għandekx għalfejn iddejjaq 'l Alla daqshekk. Il-kwalità tgħodd, mhux il-kwantità.' Allura x'għandha tkun it-tweġiba tagħna?"

L-omm qalet, "Inti staqsejtu lil Imran x'kien weġibha?"

"Iva," wieġeb Aħmad. "Huwa qal li t-talb huwa ikel spiritwali u li aħna għandna nieħdu l-ikel spiritwali għadd ta' drabi kuljum bħalma nieħdu l-ikel għal ġisimna. L-ikel jipprovdi l-enerġija għall-fakultajiet fiżiċi tagħna, u bl-istess mod it-talb jipprovdi

l-enerġija għall-fakultajiet spiritwali tagħna."

L-omm qalet, "Imran wieġeb sewwa. Xi wħud jieħdu t-te fis-sodda kmieni filgħodu. Imbagħad jieħdu l-kolazzjon. F'nofsinhar jieklu. Imbagħad jerġgħu jieħdu t-te waranofsinhar u jerġgħu jieklu filgħaxija. Għaldaqstant ikunu ħadu l-ikel għal ġisimhom għadd ta' drabi kuljum. L-istess għal ruħna għandna nieħdu l-ikel numru ta' drabi kuljum. It-talb hu tabilħaqq l-ikel spiritwali li għandna bżonn.

Il-qima sinċiera tqarribna bil-mod il-mod lejn Alla u jasal żmien meta jkollna xi forma ta' komunjoni Miegħu. Ħafna drabi tibda b'ħolm ta' vera. Persuna, speċjalment tifel jew tifla, tifraħ ħafna meta għall-ewwel tesperjenza dan il-fenomenu. Xi kultant jingħata messaġġ lilha fil-ħolm tagħha u wara ftit żmien hi taraha sseħħ quddiemha eżattament bħalma tkun ratha fil-ħolm tagħha.

B'dan il-mod, il-persuna mhux talli ma tikkonvinċix ruħha bl-eżistenza ta'Alla talli bil-mod il-mod, bl-għajnuna tat-talb, hija tibda tesperjenza s-sinjali tal-qrubija ta'Alla lejha."

Il-missier kompla, "Se nżid xi ħaġa oħra ma' din it-tifsira. Skont il-Koran Imqaddes, it-talb jipproteġina mill-imġiba ħażina u jżommna 'l bogħod mid-dnub. Iżommna 'l bogħod minn ħsibijiet ħżiena. Huwa żgur mezz ta' kif inkunu eqreb lejn Alla." Huwa fisser kif il-pożizzjonijiet differenti waqt it-talb juru r-rispett u l-umiltà tal-persuna lejn Alla l-Kbir. "Il-grazzja ta' Alla l-Kbir tingħata permezz tat-talb."

Żiedet l-omm, "Għalhekk huwa essenzjali għalina li noffru t-talb tagħna bl-akbar umiltà u konċentrazzjoni sħiħa. Irridu noqogħdu fit-talb daqslikieku qegħdin fil-qorti tal-Ogħla fost

l-aktar għolja, ir-Re tar-rejiet, u nfittxu l-għajnuna Tiegħu f'kull ħaġa, kbira jew żgħira. Alla qal fil-Koran Imqaddes, 'Sejħuli, u jiena nweġibkom.' Għalhekk, jekk aħna neħduha drawwa li nitolbu ta' spiss, Alla żgur li jaċċetta t-talb tagħna bl-aħjar mod li Huwa jaħseb li jaqbel lilna. Qatt m'għandna naħsbu li t-talb tagħna mhux jinstema'.

Ejja nagħtikom eżempju. Kull ġenitur iħobb lil uliedu. Xi kultant it-tfal ikunu jridu xi ħaġa mingħajr ma jkunu jafu li dik il-ħaġa tagħmlilhom il-ħsara. Il-ġenituri jirrifjutaw li jagħtuhom li jridu iżda, bi mħabba, jagħtuhom xi ħaġa aħjar. Alla jħobb lill-umanità ħafna aktar milli l-ġenituri jħobbu lil uliedhom. Għaldaqstant għandna nafdaw bis-sħiħ f'Alla. Huwa dejjem jaċċetta t-talb sinċier tagħna b'mod li Huwa jagħraf x'inhu l-aħjar għalina."

It-taħdita kienet ferm interessanti u kemm Aħmad kif ukoll Sara qagħdu jisimgħu lill-ġenituri tagħhom b'attenzjoni kbira.

Kien hemm waqfa qasira. Aħmad u Sara ħassewhom kburin li huma Musulmani. Huma ddeċidew li jibdew jitolbu 'l Alla aktar spiss, jirringrazzjawh għal dak kollu li Huwa pprovdielhom, u jitolbuh jaħfrilhom l-iżbalji tagħhom.

Ħin it-Talb:

Imbagħad l-omm daret fuq Aħmad u qaltlu, "Issa jmiss lilek. Tista' tgħidli l-ħinijiet ta' dawn it-talbiet?"

U Aħmad wieġeb, "Fajr issir filgħodu, qabel titla' x-xemx. Zuhr waranofsinhar, meta x-xemx tibda

nieżla. Asr issir tard waranofsinhar. Maghrib issir eżatt ma' nżul ix-xemx u Isha filgħaxija."

"Proset, it-tnejn li intom," qalet l-omm.

Imbagħad ħarset lejn l-arloġġ u qalet, "Issa sar il-ħin biex intom tmorru fil-kmamar tagħkom u taqraw mill-Koran Imqaddes. Fl-istess ħin jien nipprepara l-kolazzjon."

Il-Moskea:

Wara li Aħmad u Sara qraw silta mill-Koran Imqaddes, il-familja kollha ħadet il-kolazzjon flimkien. Aħmad u Sara tkellmu dwar il-ħbieb tagħhom tal-iskola. Il-missier qagħad jaqra l-gazzetta waqt li l-omm qagħdet tara l-aħbarijiet fuq it-televixin. F'daqqa waħda daqqet il-qanpiena tal-bieb. Aħmad mar jiftaħ. Kien il-ħabib tiegħu tal-iskola, David.

"M'intix ġej skola llum?" staqsieh David.

Aħmad wieġeb, "Le. Għandi permess mingħand l-għalliem tiegħi biex illum immur il-moskea."

"Moskea? Dik il-knisja tagħkom?" staqsa David.

"Iva, hekk qisha. Huwa l-post fejn il-Musulmani jitolbu 'l Alla. Hija differenti minn knisja, għaliex ma jkunx

hemm siġġijiet u lanqas stampi jew pitturi ta' qaddisin mal-ħitan. Lanqas statwi ma jkun hemm. Ġewwa ordinarju u sempliċi ħafna, ħalli min ikun qed jitlob jikkonċentra fit-talb biss. Lanqas mużika ma tindaqq waqt it-talb."

David qabditu kurżità kbira. Xtaq ikun jaf aktar dwar l-Iżlam. Għalhekk staqsa mistoqsija oħra, "Jiena smajt li meta tmur il-moskea trid tinża' ż-żarbun. Veru dan?"

Aħmad wieġeb, "Iva, imma meta tidħol fis-sala tat-talb biss. Aħna nkunu rridu nżommu s-sala tat-talb nadifa minħabba li nitolbu mal-art. Għalhekk għall-indafa, inneħħu ż-żraben.

Biex il-moskea tkun lesta għat-talb, is-sala fejn isir it-talb tkun dejjem nadifa u tfuħ. Aktar minn hekk il-Musulmani jagħmlu l-fwieħa. Tidher interessat ħafna. Issa nistaqsi 'l-għalliem jekk xi darba jistax jorganizza żjara tal-klassi għall-moskea. Inkunu nistgħu niltaqgħu mal-Imam ukoll."

L-Imam:

"L-Imam ikun bħall-qassis tagħna?" staqsieh David.

"Mhux eżatt. L-Iżlam ma għandux qassisin. Kull Musulman adult jista' jmexxi t-talb. Ħafna drabi tintgħażel persuna li tkun tifhem sew it-tagħlim tal-Koran.

L-Imam huwa mexxej reliġjuż.

Xi kultant l-Imami jiġu impjegati mill-komunità biex jieħdu ħsieb il-moskej kif ukoll il-ħtiġijiet tal-komunità. Huma jmexxu t-talb għalkemm mhumiex imħallsa għal hekk."

“Aħmad! Aħmad! Ma’ min qed titkellem?” għajtet ommu. “Ħaffef, għax illum trid tieħu banju għax irridu mmorru l-moskea għat-Talb tal-Ġimgħa.”



“Qed nitkellem ma’ David, mamà. Arani ġej,” wieġeb Aħmad.

“Ok. Issa rrid immur l-iskola. Nispera li ma ndumux ma nżuru l-moskea mal-klassi,” qal David u qabad triqtu.

Aħmad u Sara telgħu fuq u żbarazzaw il-kmamar tagħhom. Aktar tard inħaslu, libsu ħwejjeġ nodfa u tefgħu ftit fwieħa, u meta wasal il-ħin għat-Talb tal-Ġimgħa, il-familja kollha telqet lejn il-moskea bil-karozza tagħhom. Waqt li kienu sejrin, Aħmad staqsa lil ommu, “Aħna rridu nagħmlu Wużu qabel it-Talb tal-Ġimgħa?”

L-omm qalet, “M’hemmx bżonn ta’ Wużu wara li persuna tkun ħadet banju ħlief jekk tkun marret it-tojlit.”

Il-missier kompla, “Il-Wużu wkoll jinqabeż jekk inti torqod jew tintilef minn sensik.”

Hekk kif qorbu lejn il-moskea, lemħu ġemgħat ta’ subien u bniet Musulmani mexjin lejn il-moskea mal-ġenituri tagħhom, biex jattendu għat-Talb tal-Ġimgħa.

Aħmad u Sara ħarġu mill-karozza tagħhom. Semgħu lill-*Muważżin* jitlob l-*Ażan* b'vuċi għolja u vibranti. Aħmad u Sara qagħdu jisimgħu l-kliem b'attenzjoni kbira.

L-Ażan:

"*Allahu Akbar,*
Allahu Akbar,
Allahu Akbar,
Allahu Akbar,

Ash hadu an la ilaha illallah,
Ash hadu an la ilaha illallah,

Ash hadu anna Muhammadar-rasulullah,
Ash hadu anna Muhammadar-rasulullah,

Hayya 'alas-Salah,
Hayya 'alas-Salah,

Hayya 'alal-Falah,
Hayya 'alal-Falah,

Allahu Akbar,
Allahu Akbar,

La ilaha illallah."

Meta waqaf il-Muważżin, Sara staqsiet lil Aħmad, "Taf xi tfisser kull fraża?"

"Iva, issa ngħidlek," qal Aħmad lil oħtu. "Il-Muważżin qal,

‘*Allahu Akbar*’ li tfisser ‘Alla huwa l-ikbar’. Imbagħad qal, ‘*Ash hadu an la ilaha illallah*’ li tfisser ‘M’hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla’.

Wara dan kompla, ‘*Ash hadu anna Muhammadar-rasulullah*’ li tfisser ‘Jiena nixhed li Muħammad huwa l-messaġġier ta’ Alla’. Imbagħad il-Muważżin dawwar wiċċu lejn il-lemin u qal, ‘*Hayya ‘alas-Salah*’ li tfisser ‘Ejjew għat-talb’.

Imbagħad dawwar wiċċu lejn ix-xellug u qal, ‘*Hayya ‘alal-Falah*’ li tfisser ‘Ersqu lejn is-suċċess’. Fl-aħħar huwa rrepeta ‘Alla huwa l-ikbar’ u temm is-sejħa tiegħu billi qal, ‘M’hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla’.”

Aħmad mar ma’ missieru lejn is-sezzjoni tal-irġiel fis-sala tat-talb, filwaqt li Sara, flimkien m’ommha, marret lejn is-sezzjoni fejn jitolbu n-nisa.

Hekk kif kienu deħlin fis-sala tat-talb, il-missier fakkar lil Aħmad biex jgħid it-talba: ‘*Bis’mil’lah – As’salatu Was’salamu ala Rasool’illah. Alla’hum magh’fir’lee zu’noobee Waf’tah’lee Abwaba Rah’matik’* li tfisser ‘F’isem Alla. Jalla l-paċi u l-barkiet jinżlu fuq il-Messaġġier ta’ Alla. Ja Alla! Aħfirli dnubieti u iftaħli l-bibien tal-Ħniena Tiegħek’. Qallu wkoll biex jgħid l-istess talba b’‘*Fażlik*’ minflok ‘*Rahmatik*’ meta jkun ħiereġ mis-sala tat-talb. ‘Fadhlik’ tfisser ‘Il-benedizzjonijiet tiegħek’.

Il-missier qallu wkoll biex iqiegħed siequ tal-lemin l-ewwel hekk kif jidħol fis-sala u jgħid ‘*Assalamu Alaikum*’ lin-nies li jkun hemm ġewwa.

Qalu t-talba ta’ Sunnah individwalment, imbagħad qagħdu bilqiegħda jfaħħru u jigglorifikaw ’l Alla u jitolbu għal barkiet

fuq il-Qaddis Profeta, sakemm stennew lill-Imam jibda d-diskors tal-Ġimgħa.

Il-Muważżin qal l-Ażan għal darb'oħra. Wara l-Ażan, l-Imam wassal id-diskors tiegħu lill-Musulmani. Imbagħad qagħad bilqiegħda għal ftit minuti, qam u kompla bit-tieni parti tad-diskors, li issa kien bil-lingwa Għarbija.

Aħmad u Sara ma setgħux jifhmu l-parti bl-Għarbi iżda qagħdu fil-kwiet jisimgħuha bħal ħaddieħor.

'Se nitgħallem, *Inshallah*, it-tifsir tat-tieni parti tad-diskors li huwa dejjem imwassal bl-Għarbi,' qal Aħmad lilu nnifsu.

Diskors il-Ġimgħa:

Din il-ġimgħa d-diskors tal-Imam kien dwar l-importanza tal-edukazzjoni għat-tfal. Huwa semma Diskors tal-Qaddis Profeta, fejn il-Qaddis Profeta jitkellem dwar l-importanza li t-tfal ikunu edukati. Huwa qal lill-ġenituri biex jedukaw lil uliedhom bl-aqwa mod possibbli u jgħallmuhom jirrispettaw lil min hu akbar minnhom.

L-Imam qal lill-ġemgħa wkoll li l-Qaddis Profeta tal-Iżlam kien ordna lis-segwaċi tiegħu biex jirrispettaw is-sentimenti tat-tfal, biex ikunu qalbhom tajba magħhom u biex jiddiskutu magħhom dwar dawk l-affarijiet li huma jħossu importanti għalihom.

Imbagħad l-Imam semma d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li t-tfal għandhom lejn il-ġenituri tagħhom u kkwota xi versi mill-Koran Imqaddes biex jifhmu l-punti tiegħu.

Aħmad u Sara għoġobhom dan id-diskors. Wara d-diskors l-Imam mexxa t-Talb tal-Ġimgħa. Meta kienet lesta t-talba komunitarja, il-Musulmani għal darb'oħra offrew it-talba tas-Sunnah individwalment. Xi wħud tawlu s-suppliki tagħhom u baqgħu fil-moskea filwaqt li oħrajn temmew it-talb tagħhom fil-pront, ħarġu mill-moskea u għaġġlu lura lejn ix-xogħol. Xi ftit mit-tfal bdew jitkellmu bejniethom fis-sala tat-talb eżatt kif spiċċaw mit-talb tagħhom. Persuna anzjana ntebħet b'dan u qaltilhom li, billi kien għad hemm xi nies medhijin fit-talb, kellhom jieqfu mid-diskors ħalli ma jtellfu lil ħadd. Is-subien obdew mal-ewwel u ħarġu bil-kwiet barra.

Kif kienu barra l-moskea, Aħmad staqsa lil missieru, "Papà, nistgħu nitkellmu ġewwa l-moskea?"

Il-missier wieġeb, "Ma nistgħux nitkellmu fil-moskea waqt id-diskors tal-Imam jew waqt li n-nies ikunu għadhom jitolbu, għaliex il-Musulmani ma jkunux iridu min itellifhom. Imma, jista' jsir diskors qabel u wara t-Talb, u meta jingħata l-permess, dan għandu jsir bil-kwiet u b'rispett lejn il-moskea."

Ftit wara l-missier qalilhom li kien sar il-ħin biex jitilqu. Saqu lejn id-dar wara li sellmu lill-ħbieb tagħhom bil-kliem 'Assalamu Alaikum'.

Tard waranofsinhar il-familja kollha ħadet it-te flimkien u offriet it-talba ta' Asr.

Filgħaxija, wara li qalu t-talba ta' Maghrib, kielu flimkien

fil-kamra tal-ikel. Kif kienu se jibdew jieklu, l-omm fakkret it-tfal biex jgħidu, '*Bis'mil'lah ir-Rahma nir-Raheem*' [F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin]. Waqt l-ikel il-ġenituri rrakkontaw xi stejjer interessanti mill-ħajja tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam u Musulmani erojċi oħra tal-imgħoddi.

Imbagħad Aħmad u Sara marru fil-kmamar tagħhom. Għal ftit ħin qagħdu jaqraw xi kotba bl-istejjer u wara lestew ix-xogħol tal-iskola. Qagħdu jaraw ukoll il-programmi favoriti tagħhom fuq it-televixin, speċjalment il-programm dwar l-ambjenti naturali tal-annimali.

Wara niżlu għat-talba ta' Isha, l-aħħar talba tal-ġurnata, u mbagħad marru jorqdu, jgħidu xi wħud mit-talb mill-Koran li kienu tgħallmu bl-amment.

****

EŻERĊIZZJU:

1. X'inhu WUŻU?
2. Meta għandhom jerġgħu jagħmlu l-WUŻU l-Musulmani?
3. Kemm-il darba jmisshom jitolbu l-Musulmani?
4. F'liema direzzjoni għandhom iħarsu l-Musulmani meta jitolbu?
5. X'inhu l-ĦADITH?
6. Liema diskors tal-Qaddis Profeta rrakkontat Sara lill-ġenituri tagħha?
7. X'inhu IMAM?
8. X'inhu AŻAN?
9. Iddeskrivi kif il-Musulman iħejji ruħu għat-Talb tal-Ġimgħa.
10. X'inhi t-tislima Musulmana u xi tfisser?
11. Xi tfisser il-kelma *Inshallah*?
12. Xi jfisser it-terminu *Subhanallah*?
13. Għaliex parti mit-talb isir mal-kongregazzjoni u parti oħra individwalment?
14. X'taf dwar it-*Tajammum*, meta jista' jsir dan minflok il-*Wużu*?
15. Għalfejn il-Musulmani jneħħu ż-żraben meta jidħlu fis-sala tat-talb ġewwa moskea?
16. Semmi wħud mill-benedizzjonijiet fit-Talb tal-Ġimgħa.
17. Tista' tgħid it-talba ta' qabel ma tidħol fil-moskea? X'inhi t-tifsira ta' din it-talba?
18. Iddeskrivi xi manjieri tajba li trid tuża meta tkun f'moskea.

GLOSSARJU:

- **ASSALAMU ALAIKUM**: hija forma ta' tislima Iżlamika. Tfisser 'Is-sliem ikun fuqkom'.
- **BIS'MIL'LAH IR-RAHMAN IR-RAHEEM**: hija t-talba li kull Musulman jgħid kull meta jkun se jibda xi attività. Tfisser 'F'isem Alla, l-Aktar Ġentili, Dejjem Ħanin'.
- **WUŻU**: huma riti tal-ħasil li jsiru qabel it-talb.
- **FARŻ, SUNNAH U NAFL**: hemm tliet tipi ta' talb. Farż hija l-parti obbligatorja tat-talb. Sunnah hija talba oħra li l-Qaddis Profeta Muħammad dejjem żied mat-talba tal-Farż bħala talba supplimentari. Aħna nqisuha bħala essenzjali wkoll. Nafl hija dik il-parti li mhix obbligatorja.
- **KAABA**: l-ewwel Dar ta' Qima li nbniet għall-umanità għall-adorazzjoni tal-uniku Alla veru.
- **EID**: Il-festa tal-Musulmani.
- **HAĠĠ**: il-pellegrinaġġ għall-Kaaba f'Mekka f'dati speċifiċi.
- **IMAM**: persuna li tmexxi t-talb / mexxej reliġjuż.
- **PROSTRAZZJONI**: pożizzjoni fit-talb tal-Musulmani fejn il-kredent jinżel għarkupptejh u jqiegħed ġbinu mal-art.
- **KORAN**: il-Ktieb qaddis tal-Musulmani.
- **SALAT:** it-talb: tifkira ta' Alla.

IMĦABBA GĦAL KULĦADD MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

This is the Maltese translation of the book
"Ahmad and Sarah go to Mosque"
by Rashid Ahmad Chaudhry.

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

www.ahmadija.org.mt